**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 275/2015**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Michael Scicluna**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Michael Scicluna** detenur tal-karta tal-identita Maltija **253378M,** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F' Lulju 2013 u fix-xhur ta qabel, f'dawn il-gzejjer minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe biddel in- numru tac-chassis ta vettura CAG 151.

2. U aktar talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta qabel gewwa dawn il- gzejjer minghajr l-awtorizazzjoni tal-Awtorita jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taghha setghet inghatat dik l-awtorizazzjoni, kellu fil-pusses tieghu, uza jew ippermetta li tintuza jew biegh jew xort ohra trasferixxa jew hareg jew ippermetta li tinhareg minn xi deposit tad-Dwana vettura bil- mutur li ma gietx registrata bis- sahha ta' dan l-Att. u cioe vettura

registrazzjoni barranija E 438 WCL u prezentement bin-numri ta’ registrazzjoni CAG 151 (Kap 368 art 21(1)(a);

3. U aktar talli talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il- gzejjer bil-hsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista ssir dovuta fl-ammont ta’ Euro 7,497, naqas milli jaghti avviz ta' dık l-importazzjoni, dhul jew manifattura lill-Awtorita jew fi stqarrija li ghamel lil Awtorita ghall- ghanijiet ta' dan l-att ta taghrif li kien jaf li ma kienx korett jew shieh f'xi dettall materjali (Kap 368 art 21 (1)(b).

4. U aktar talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer ghamel jew naqas milli jaghmel jew ippermetta li ssir jew tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi I- hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fl- ammont ta’ Euro 7,497 kontra l- ligi. (Kap 368 art 21(1)(d).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-vettura prezentement bin-numri ta' registrazzjoni CAG 151;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ta’ nhar is-27 ta’ Mejju, fejn lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li sabitu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni.

Il-Qorti kkundannatu ghall-sitt-xhur prigunerija sospizi ghall-tlett snin kif ukoll ordnat il-konfiska tal-vettura CAG 151.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Michael Scicluna preżentat fir-reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta’ Gunju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tilqa’ l-appell u filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni, thassar is-sentenza fil-parti fejn instab hati tat-tieni, tielet u raba’ imputazzjoni u minflokk tilliberah minn kull htija u piena jew,

alternattivament thassar is-sentenza fil-parti taghha tal-piena u minflok timponi piena iktar gusta u ekwa fic-cirkostanzi.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

**Permezz <u>tal-ewwel aggravju</u> qed tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu t-tieni, tielet u raba' imputazzjoni.**

Illi z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha jkun gie kkunsmat l-allegat reat (art. 691 Kap. 9). Fi kliem il-Qorti di Cassazione di Napoli 17.4.1886:

> *'La prescrizione dell'azione penale incomincia a decorrere dal giorno in cui il reato fu commesso, tanto se fu subito conosciuto, quanto se rimase ignorato.'*[1]
>
> *u*
>
> *'Il termine di prescrizione decorre anche se il reato sia rimasto occulto per un tempo'*[2]

F'dan il-kaz:

- ir-reat mahsub fit-tieni imputazzjoni jigi kkunsmat mal-mument li s-suspettat jkollu fil-pussess tieghu, juza jew jippermetti li tintuza, biegh jew jitrasferixxi vettura li ma tkunx registrata.

- ir-reat mahsub fit-tieni imputazzjoni jigi kkunsmat mal-mument illi s-suspettat jonqos min li jaghti avviz ta' importazzjoni, dhul jew manifattura lill-Awtorita' jew xjentement saret stqarrija skorretta mal-Awtorita'.

---

[1] Cassaz. di Napoli 17 aprile 1886 (Sezione unite), Ric. Fusco, Est. Ciollaro. Giurispr. Pen., A. 1886, 426.
[2] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, p. 492.

- ir-reat mahsub fit-tielet imputazzjoni jigi kkunsmat meta s-suspettat jaghmel xi haga bil-hsieb li jevadi it-taxxa ta registrazzjoni.

Illi sabiex jigi determinat meta' gew ikkunsmati r-reati jehtieg jigi determinat meta' c-chassis number tat-*Toyota Hilux Double Cabin* twahhal fuq it-*Toyota Hilux Pick up.* Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar dan. Mill-fatti misjuba fl-atti wiehed jista' jipprezumi illi r-reat sehh f'xi zmien fl-ghaxar xhur bejn 18 ta' Gunju, 2012 (meta t-*Toyota Hilux Pick Up* gie f'idejn l-esponent) u t-13 ta' Mejju, 2013 (meta l-Awtorita' ta' Trasport irceviet il-VRT *discrepancy form* tat-*Toyota Hilux Double Cabin*).

Illi r-reati mahsuba fl-artikou 21 tal-Kap. 368 huma preskritti bit-trapass ta' sentejn kif jipprovvdi l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9.

Mill-atti jirrizulta illi l-ewwel att tal-procediment li gie notifikat lill-esponent kien propju 10 ta' Gunju, 2015 (folio 8 tal-atti). Ghaldaqstant, anke jekk wiehed jiehu l-aghar ipotezi ghall-esponent (id-data tat-13 ta' Mejju, 2013), ir-reati huma preskritti bit-trapass ta' sentejn.

Indipdendentament mis-suespost, bir-rispett is-sentenza appellata ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-Ligi meta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-artikolu 692 tal-Kap. 9 dejjem gie interpretat illi l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri meta l-identita' tal-allegat awtur tkun totalment u assolutament injota lill-awtoritajiet. Dwar dan il-Qorti Kriminali fil-kaz **il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri** citat il-gurisprudenza awtoritatoveoli in materja u pprovdiet:

> *'Illi in materja din il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza kostanti fuq dan il-punt, b'mod partikolari ghall-principji enuncjati mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Formosa vs. Zarb Cousin" (11.9.1922); kif ukoll ghas-sentenza aktar recenti ta' l-istess Onor. Qroti presjeduta mill-Imhallef Dr. William Harding fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Mikiel Agius" moghtija fit-3 ta' Frar, 1947.'*

*'Illi fl-ahhar sentenza fuq citata l-Qorti ta' l-Appell irribadiet il-principju li l-kliem "mhux maghruf" kontemplati fl-Artikolu precitat (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta' "una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto" u m'huwiex bizzejjed li l-injoranza ta' l-identita' ta' l-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza.'*

*'In konkluzzjoni fuq il-punt legali sollevat, il-Qorti tosserva li, sabiex it-terminu preskrizzjonali ma jibdiex jiddekorri, a tenur ta' l-Artikolu 692 tal-Kap 9, irid ikun hemm 'ignoranza assoluta' ta' l-awtur tad-delitt.'*[3]

Fil-kaz odjern l-awtoritajiet qatt ma rriavvizaw diffikulta sabiex jidentifikaw lill-malvivent. U ma jistax jinghad illi l-identita' tas-suspettati kienet totalment u assolutament injota. Biss biss l-esponent kien maghruf bhala sid tal-vettura *Toyota Hilux Pick Up* mill-2012 u Sean Borg (sid it-*Toyota Hilux Double Cabin)* kien irregistrat fuq l-istess bhala sid (ara logbook esebit mis-Sur Brian Farrugia).

**It-<u>tieni aggravju</u> huwa in kwantu l-Ewwel Qorti qatt ma setghat legalment issib htija ghall-imputazzjonijiet migjuba fit-termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan in kwantu l-ittra mahruga ghall-finijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 368 iggib data futura u ma' tkoprix iz-zmien li fih inhargu l-imputazzjonijiet.**

Minn qari tal-ittra komunament maghrufa bhala *Letter to Prosecute* mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta a folio 15 tal-atti, jirrizulta lli l-ittra hija datata fit-12 ta' Marzu <u>2105</u>. Tul 9 snin proceduri kriminali l-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma pprovdiet ittra bid-data korretta jew almenu talbet korrezzjoni.

---

[3] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal tal-30 t' Ottubru, 2001

**It-<u>tielet aggravju</u> huwa in kwantu l-Prosekuzzjoni naqset minn li tipprova li l-allegati atti kriminali sehhew fiz-zmien imputat lill-esponent.**

Illi c-citazzjoni bil-fatti kif allegati mill-Prosekuzzjoni tipprovvdi l-parametri tal-imputazzjoni. Liema parametri jehtieg jigu ppruvati sal- grad rikjest mill-ligi; lil'hemm minn kull dubju kif dettat mir-raguni (**<u>il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 18.4.2012 §8,9).

Illi kif inghad fl-aggravju numru wiehed ir-reati allegatament gew kommessi u kkunsmati mal-mument illi it-*Toyota Hilux Pick Up* twahhal fuqu c-chassis number tat-*Toyota Hilux Double Cabin.* Din id-data ma gietx stabbilita mill-prosekuzzjoni, infatti l-Ewwel Qorti lliberat lill-esponent mill-ewwel imputazzjoni. Illi li gie stabbilit mill-prosekuzzjoni huwa lli fit-18 ta' Gunju 2012 l-esponent giet f'idejh it-*Toyota Hilux Pick up.*

Il-prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-esponent li kkometta r-reati f'Lulju 2013 u x-xhur ta' qabel. Skond il-gurisprudenza *'ix-xhur ta' qabel'* ghanda tigi interpretata bhala sa massimu ta' tnax-il xahar qabel u mhux izjed. Dwar hekk din il-Qorti fis-sentenza **<u>l-Pulizija vs Clayton Azzopardi</u>** (25.10.2012) pprovdiet:

> *Il-Qorti tinnota illi l-akkuza qieghda tirreferi ghal 21 ta' Dicembru, 2004 " u fix-xhur ta' qabel din id-data", quindi l-akkuza qieghda tirreferi ghal medda ta' sena. … <u>Izda l-akkuza mhux hekk tghid u bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali gie estiz ghal tnax (12) –il xahar</u> f'liema spazju l-kelma "gie li" tissubentra facilment u l-Qorti tista liberament u minghajr sforzi kbar tasal ghall-konkluzjoni illi f'dik is-sena precidenti tal-21 ta' Dicembru, 2004 l-imputat ittraffika d-droga eroina.*

Fin-nuqqas ta' prova cara u diretta dwar meta gie kkunsmat ir-reat, il-Qorti ma tistax tipprezumi li gie ikunsmat f'xi zmien bejn Lulju 2012 u Lulju 2013. Iktar u iktar meta l-vettura giet f'idejn l-esponent qabel Lulju, 2012.

**Ir-<u>raba' aggravju</u> huwa in kwantu l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzmaent zbaljat tal-fatti meta sabet lill-esponent hati tat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet.**

Illi l-kunsidrazzjonijiet li abbazi taghhom l-Ewwel Qorti issib htija jinsabu f'paragrafu E tas-sentenza. Fil-kunsidrazzjonijiet taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti asseriet illi l-esponent *'kien jaf x'qed jaghmel u ried jaghmel dak li ghamel'.* Bir-rispett din l-asserzjoni ma ssibx konfort fil-provi. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ammissibbli dwar l-element intenzjonali tal-esponent. Ix-xjenza hija element rikjest *ex lege* ghas-sejbin ta' htija tat-tieni, tielet u raba' imputazzjoni. Ghajr ghas-stqarrija, inamissibbli skond kif dikjarat l-Ewwel Qorti stess u bis-sahha ta' diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar l-animu tal-esponent.

Kif gia gie sottomess fir-rigward tat-tielet aggravju ma hemm ebda prova dwar meta sehh it-tbaghbis fuq it-*Toyota Hilux Pick Up*. Kif ukoll, ma hemm ebda prova dwar min ghamel dan it-tbaghbis, meta l-vettura giet trasferita lill-terzi, meta intuzat u kif il-vettura spiccat fit-triq. Il-persuni Sean Borg, Michele Sullivan u John Ebejer li jaghmel il-VRT, ma ngabux jixhdu.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi mressqa mill-prosekuzzjoni l-esponent umilment jissottometti li kellu jigi liberat.

**Il-<u>hames aggravju</u> huwa in kwantu il-piena inflitta hija sproporzjonata meta kkomparata mal-estremi tal-imputazzjonijiet misjub hati taghhom l-esponent.**

Illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghall-tlett snin huma wisq meta hawnhekk si tratta *a victimless crime.* Li jinbidel ic-chassis ta' vettura ma' t'ohra certament ma' jrendix persuna *minaccja ghas-socjeta* jew jikkostitwixxi ghemil li ghalih jehtieg jigi

*ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali*[4] u ghalhekk jinzamm inkarcerat l-barra mic-cirkolazzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li pprezenta f'dawn l-atti nhar is-27 ta' Awwissu 2024.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw quddiemha u dan fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024 fejn l-Avukat Generali irrimetta ruhu ghar-risposta minnu prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti sejra tittratta it-tieni eccezzjoni dwar jekk l-izball fid-data fuq l-ittra esebita fl-atti a fol. 15 hiex *lapsus calami* jew wiehed li igib in-nullita tal-proceduri stante li jekk tali aggravju jigi milqugh mela din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn titratta l-aggravji l-ohra.

Fit-<u>tieni aggravju</u> inghad li l-Ewwel Qorti qatt ma setghat legalment issib htija ghall-imputazzjonijiet migjuba fit-termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan in kwantu l-ittra mahruga ghall-finijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 368 iggib data futura u ma' tkoprix iz-zmien li fih inhargu l-imputazzjonijiet. Jirrizulta li d-data tal-ittra mikrubta ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 368 iggib id-data ta' 12 ta' Marzu, 2105. L-akkuzi odjerni gew prezentati l-qorti nhar it-12 ta' Marzu 2015. Id-difiza ssostni li din il-Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tal-akkuzi li taghhom sabitu hati u dan ghaliex fl-atti ma giex inserit *letter to prosecute* datat qabel il-hrug tal-akkuzi izda ittra li ggib data futura. Dwar dan l-Avukat Generali ighid li hemm zball tal-pinna *lapsus calamni* u ghalhekk dan il-fattur m'ghandux iwassal ghan-nullita tal-proceduri

---

[4] Frazi citata mis-sentenza flismijiet <u>il-Pulizija vs Anton Vassallo</u> deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 2013.

odjerni. L-Avukat Generali stqarr li n-numri tal-annu huma hemm izda mhux bis-sekwenza li kellhom jkunu. Jinghad li *lapsus calami* ifisser dak li bl-Ingliz nghidulu *'a slip of the pen.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. David Saliba) Vs John Cassar**[5] inghad is-segwenti:-

> *Illi hemm diversi sentenzi dwar dan il-punt u l-Qorti dejjem fehmet il-punt li sabiex issir gustizzja trid tidher li qeghda ssir. jkun a skapitu tal-gustizzja jekk ikun hemm liberazzjoni ta' imputat dwar reat, sahansitra jista' jkun dwar omicidju, stupru ecc, minħabba semplicement biss sostituzzjoni ta' numru b'iehor fuq karta ta' identita' meta m'hemmx dubju dwar l-identita' ta' l-imputat u l-qofol tal htija w liberazzjoni sabiex issir gustizzja hija dwar il-provi u x-xhieda.*
>
> *….*
>
> *lli bl-akbar rispett, jekk il-Qorti ingabet ghall-attenzjoni taghha "lapsus calami" ta' numru b'iehor, il-Qorti kellha kull dritt li tordna l-korezzjoni ta' dan l-iżball żghir u tissalvagwarda l-procedura tal-kaz minflok tuża dan il "lapsus calami" bħala ġustifikazzjoni għal-liberazzjoni.*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs David Briffa** [6]gie ritenut is-segwenti:-

> *Din il-Qorti diversament presjeduta diga` kellha okkazjoni tirrimarka li "zball f'rikors ta' appell kriminali huwa rettifikabbli meta jidher car li si tratta ta' semplici 'lapsus calami' u mhux ta' nuqqas sostanzjali". Din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li hawn si tratta ta' lapsus calami. Ir-rikors jirrigwarda imputazzjoni dedotta kontra David Briffa,*

[5] Deciza 19 ta Settembru 2011
[6] Deciz 22 ta April 2009

*Il-fatti msemmija fil-paragrafu li jirrigwarda l-fatti fil-qosor jirreferu ghall-imputazzjoni dedotta kontra David Briffa .*

*Huwa evidenti li bi zball tnizzel il-kunjom "Farrugia" minflok "Briffa" minhabba ripetizzjoni kostanti fir-rikors ta' appell tal-kunjom Farrugia li huwa kunjom l-allegata vittma "Julia Farrugia". Filwaqt illi din il-Qorti ma tistax tikkondona zbalji simili, tali zball ma jistax jitqies bhala zball ossia nuqqas sostanzjali li jwassal ghan-nullita` tar-rikors ta' appell. Huwa zball rettifikabbli.*

M' hemmx dubbju li f'dan il-kaz kien hemm zball genwin fid-data imnizzla fl-ittra mahruga minn Transport Malta kif murija a fol. 15. Din l-ittra giet esebita minn l-Ispettur Arthur Mecieca fix-xhieda tieghu ta' nhar l-14 ta' Jannar 2016 u giet immarkata bhala Dok AM u ghalhekk zgur li giet miktuba qabel id-data indikata fuq l-ittra u cioe' 12 ta' Marzu, 2105 ghaliex din is-sena ghadha ma waslitx u dawn il-proceduri ilhom pendenti sa mit-12 ta' Marzu, 2015. Huwa ghalhekk palesi li din l-ittra giet formulata dakinhar stess tat-12 ta Marzu, 2015 qabel ma l-akkuzi gew registrati fil-konfront tal-appellant.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-Avukat Generali ghandu ragun fis-sens li dan l-aggravju ghandu jigi michud fl-intier tieghu stante li l-izball fid-data m'hu xejn salv *lapsus calami* .

Fl-ewwel aggravju li ser titratta din il-Qorti ukoll ta' natura preliminari l-appellant iqajjem l- eccezzjoni dwar l--preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu t-tieni, tielet u raba' imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-termini ta' preskrizzjjoni, l-ligi tipprovdi is-segwenti permezz tal-**artikolu 688 tal-Kodici Kriminali**, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:*

*(e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni ta' kontravvenzjonijiet;"*

**L-artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid hekk :

*"Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija kontra Paul Vella,</u>** [7]li l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u nikkwota testwalment:

*"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi. Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skond l-akkuza."*

[7] Deciz fit-18 ta' April, 2000.

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Il Pulizija vs. Omissis** tal-25 ta' Settembru 2018 għamlet dawn is segwenti konsiderazzjonijiet : -

> *"Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Michael Vella** fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija kontra Paul Vella** . Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u tikkwota testwalment:*

> *"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi. Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skont l-akkuza."*

In oltre l-**artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali** jaqra kif ġej:

> *Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l imputazzjoni jew att ta' akkuża.*

Apparti dan, l-**artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali** li jittratta l-ksur taż żmien tal-preskrizzjoni li jgħid is-segwenti:

*693.(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.*

*(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.*

*(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill ġurnata li jkun ġie miksur.*

*(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksural-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Christopher Coleiro** li ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri** moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001 fejn inghad li:_

*Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll ghal dak li jghid il Professur Mamo[8]: "Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles. "The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored ,or*

[8] Notes on Criminal Procedure, p. 33 – 34.

*because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception.Sec.664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender*

*"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol.XXV,Pt. iv,p.936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.*

*"**The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v.Coleiro[9], , because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal***

[9] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia v. Ganni** Coleiro deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407.

***matters*** *(cfr.Also Cr.App.* ***Police v .Agius***[10]*)."(sotto linear f'dan il-bran ta' din il-Qorti)*

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellant tressaq il-Qorti b'mod sommarju u l-akkuzi ghalkemm hargu fit-12 ta' Marzu, 2015, jidher li l-kawza kienet giet appuntata ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Mejju, 2015 kif jidher mill-avviz mibghut lill-Ispettur Arthur Mercieca nhar it-30 ta' Marzu, 2015[11] u l-verbal tal-Qorti datat proprju 7 ta' Mejju, 2015.[12] Pero fl-atti insibu notifika tal-akkuzi a fol. 8 li hija datata 10 ta' Gunju 2015 L-allegat ksur tal-ligi skond ic-citazzjoni sar f'Lulju 2013 u fix-xhur ta qabel. Zgur li fil-15 ta' Ottubru 2013 l-appellant kien mgharuf mal-pulizija u dan ghaliex kienu baghtu ghalih u dan irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti markata bhala Dok AM.[13] Anzi kif stqarr l-ispettur l-investigazzjoni odjerna bdiet fl-21 ta' Settembru,2013 meta l-Kummissarju tal-Pulizija kien ircieva kwerela minghand Michael Sullivan li qal li l-van tieghu tal-ghamla Toyota Pick-up kien qed jinstaq fit-triq meta il-Kontrollur tad-Dwana kien biegh dan it-truck b'mod illegali u ghalhekk l-pulizija kienet fi stat li taf dwar l-appellant qabel ma in effetti baghtet ghalih.

L-appellant ghamel referenza fir-rikors tal-appell tieghu ghall-artikolu 691 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> '*Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.*'

Illi ghalhekk l-**ewwel ma jrid li jigi deciz** qabel il-fatt jekk l-preskrizzjoni tiddekorrix malli l-lmalvivent ikun mghruf, hija l-kwistjoni jekk ir-reati moghtija fit-tieni, tielet u

[10] Deciz nhar it-3 ta Frar 1947
[11] Fol. 5 tal-process
[12] Fol. 7 tal-process.
[13] Fo. 16 tal-atti

r-aba akkuza humiex reati permanenti jew reati kontinwati u dan ghaliex it-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri fi zminijiet differenti. Fil-kaz ta' reat permanenti il-preskrizzjoni tibda tiddekorri meta ma tibqax il-permaneza tar-reat filwaqt li fir-reati kontinwati l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi.[14]

Il-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-appellant b'dawn is-sensiela ta' reati bħala reat kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid:

> *"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, ujkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesubħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."*

Din il-formula ġuridika ġiet definita b'dan il-mod minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenzo Cuschieri** deċiża nhar it-30 t'Ottubru 2001:

> *"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.*

[14] Ara Il-Pulizija vs Peter Abdilla, deciz mill-Qorti tal-Appell KRiminali nhar it-28 ta' Lulju, 2010.

*Anki kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzzjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal- preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.*

*L-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. Ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bl-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'The Police (Inspector Louise Calleja) vs Omissis'</u>**[15], gie meqjus li:

*"...as has been held, the concept of continuous offence in Article 18 was created for the benefit of the accused, it also comes at a heavy price for the same accused. Through this legal fiction, an accused can be charged for a string of offences in breach of the same provision of law which took place over a period of time, indeed years and this on the basis of the date of the last known crime allegedly committed. If, for the sake of argument, a person has been committing the same crime against the same person or property punishable with imprisonment of two years*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru, 2018 (Appell numru: 360/2015)

*for the past ten years but is only apprehended a few weeks before the prescriptive period of the last committed crime, that accused may be asked to answer for all the crimes committed during the last ten years."*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Edel Mary Camilleri v COSTANTINO BALZAN'**[16] gie kkunsidrat li:

*"Illi l-Qorti tirrileva li ai fini tal-komputazzjoni tal-piena ai fini tal-ezami tal-preskrizzjoni m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni l-aspett tal-kontinwita u tar-reat kontinwu. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li ghall-fini tal-preskrizzjoni, r-reat kontinwat ghandu identita legali separata u distinta minn dak tar-reat proprju li jkun gie kommess. Jigifieri per ezempju fil-kaz ta' frodi, wiehed ma jridx ihares ghal kwalifika tal-kontinwita bhala li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni flok li jhares biss lejn r-reat ta' frodi."*

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza citata mid-Difiza stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lorry Cuschieri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Ottubru 2001:

*"Ir-reat kontwat huwa funzjoni legali krejata essenzjalment ghal beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi kommutata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubbju ragionevoli, r-reati individwali komponenti tieghu kif wkoll ippruvata l-ezistenza ta' risoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk r-reati ma xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat nnifsu ma jikkonkorrux dawk l- elementi essenzjali sabiex jista jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat bhala funzjoni legali huwa biss cirkostanza ta' fatt li meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghal konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi."*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Marzu, 2005 (Numru: 897/2002)

*Dik il-Qorti kompliet tghid fis-sentenza taghha:*

*"Din il-Qorti tghmel tahha wkoll s-sottmissjoni li ghamel l- appellant li l-kontinwita fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L- artikolu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ai finijiet ta' preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, r-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda, din il-Qorti qed tghid li ma tistax il- Prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhal ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita l-piena applikabbli tista u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil- gradi li hemm imsemmija fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."'*

Fit-tieni akkuza l-appellant gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 21 (1) (a) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta li allegatament sehh f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"21.(1) Kull min-*

*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta'xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti l ititneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att;"*

Mix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija nhar l-14 ta Jannar 2016 jirrizulta li l-appellant naqas li jirregistra mat-Tranposrt Malta il-vettura li kien xtara mid-Dwana nhar is-17 ta Gunju, 2012[17] u dan fi zmien tletin jum kif tipprovdi l-ligi. Illi ma jirrizultax li din il-vettura in effetti qatt giet registrata f'isem l-appellanti. Ghalhekk dan hu reat kontinwat u l-perijodu prekrittiv ghadu lanqas beda jidekorri ghaliex l-infrazzjoni ghadha hemm sa llum stante li dan il-van ghadu ma giex registrat kif rikjest mill-ligi. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoi ghal dan ir-reat ma jistax jigi milqugh.

Fit-tielet akkuza l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant bi-reat kif dispost fl-artikolu 21 sub inciz (b) il jipprovdi s-segwenti:-

> *"Kull min*
>
> *(b) bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew l-artikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jagħtif'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-Att tagħrif li jkun jafli ma jkunx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali;"*

Hawnhekk ukoll jinghad li r-reat huwa wiehed kontinwat stante li l-hlas dovut lid-Dwana ghadu ma sarx. Konsegwentement l-azzjoni ma hiex preskritta.

Fit-tielet lok, fir- raba akkuza gie akkuzat bir-reat taht is-sub inciz tal-artikolu 21(1) tal-Kap 368 li jipprovdi is-segwenti:_

> *"Kul min*

[17] vide ittra mahruga mid Dwana nhar it-12 ta' Ottubru 2012 fol. 47) i

*jagħmel jew jonqos milli jagħmel jew jippermetti li ssir jew li tonqos milli ssir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas tat-taxxa ta'reġistrazzjoni kontra l-liġi;"*

Fil-kaz odjern il-proeskuzzjoni qed takkuza lill-appellant li f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel li huwa evada jew ppospona il-hlas ta' taxxa ta' regisrazzjoni fl-ammont ta' €7,497 kontra l-ligi. Minn ezami tax-xhieda jidher li dan l-ammont ghadu pendenti sa illum u ghalhekk anke dan ir-reat huwa wiehed kontinwat u l-preskrizzjoni ghadha ma bdietx tiddekorri.

Konsegwentment din il-Qorti tiddikjara li r-reati moghtija fil-konfront tal-appellant odjern mhumiex preskritti u ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi respint fl-intier tieghu.

Fit-tielet aggravju l-appellant jistqarr li l-ewwel qorti qatt ma setghet issib htija fir-rigward tal-akkuzi odjerni peress li ma pprovatx iz-zmien meta allegatament sehhew dawn l-istess reati u fir-raba aggravju stqarr li l-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi imressqa. Illi l-appellant sostna fir-rikors tieghu li skond is-sentenza **il-Pulizija vs Clayton Azopardi**[18] iz-zmien previst fl-akkuza huwa sa zmien massimu ta' tnax-il xahar qabel Lulju 2013 u ghalhekk minn Lulju 2012.

Dwar il-kwisjtoni tal-perijodu din il-qorti taqbel mal-appellant u ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li dawn it-tlett akkuzi u cioe dawk enumerati tnejn (2) tlieta (3) u erbgha (4) sehhew bejn Lulju 2012 u Lulju 2013, l-jum meta tressaq il-qorti l-appellant .

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-

[18] Deciz nhar 25 ta' Ottubru 2012.

apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kineitx ragonevoli fil konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995;
u **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi din il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-provi migjuba sabiex tkun tista titratta it-tielet u r-raba aggravju.

Rat ix-xhieda ta l-**ispettur Arthur Mercieca** moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2016 meta pprezenta il-kwerela mahruga minn Transport Malta ffirmata minn Brian Farrugia fir-rigward tal-proceduri odjerni. Din giet immarkata bhala Dok AM. Esebixxa ukoll l-istqarrija li rrilaxja l-appellant li giet immarkata bhala Dok AM1. Huwa gharaf l-awtur ta din l-istqarrija bhala l-appellant odjern. Ikkonferma li l-investigazzjoni odjerna bdiet fil-21 ta' Settembru, 2013 meta kien inghta struzzjonijiet biex jaghmel verifiki dwar vettura bin-numru ta registrazzjoni CAG 151 u dan wara li kien hemm certu Michael Sullivan li kien ghamel kwerela u baghtha lill-Kummissarju tal-Pulizija . Spjegalu il kien ra van tal-ghamla Toyota pickup tinstaq fit-toroq Maltin meta dan kien allega li suppost dan il-van kien tieghu u li d-Dwana kienet bieghetu b'mod illegali. Kien baghat ghall-file minghand Transport Malta sabeix jivverifika dwar din il-vettura u x'kienet ezatt l-istorja taghha.

Irrizultalu li suppost dan kien pick up ta' lewn griz, li kien *four door*, b'magna diesel pero' meta baghat ghal dan il-van sabeix issr spezzjoni fuqu sabu li kien pick-up two doors, ta' lewn blu u bil-magna V8 petrol u mhux diesel. Huwa prezenta hamsa u ghoxrin (25) ritratt ta l-ispezzjoni in kwisjtoni u deher li kien hemm tbaghbis fic-chassis number. Dawn gew immarkati bhala Dok AM2. Dan inghad ghaliex mad-dawra ta' fejn ikun hemm ippuncjat fuq ic-chassis dehru evidenti marki ta' *welding*. Ghalhekk deher car illi dan kien gie maqtugh u imwahhal permezz ta' *welding.*

Huwa ghamel l-ispezzjoni nhar il-15 ta' Ottubru, 2013. Il-van kien jghajjat lil Sean Borg. Din il-Qorti ser tiskarta dak kollu li l-appellant kien stqarr lill-ufficjal prosekutur stante li l-istqarrija li ttihdet tivvjola id-drittijiet tal-appellant u dan ghaliex ittihdet minghajr ma l-appellant inghata id-dritt li jkun assitit minn avukat u lanqas ma jirrizulta li inghata d-dritt tas- silenzju.

Rat il-*letter to prosecute* esebita a fol. 15 ffirmata minn Brian Farrugia fil-kapacita' tieghu ta' Senior Manager ta Transport Malta.

Rat ix-xhieda tal- **Maggur 1460 George Farrugia** fejn qal li jahdem fis-sezzjoni teknika tal-*Stolen Vehicle Squad* li qeghda amlagamata mac-CID. Jiehu hsieb li jaghmel spezzjonijiet fuq il-vetturi. Dwar dan il-kamz jghid li kien gie mitlub mill-ispettur Arthur Mercieca sabiex jaghmel spezzjoni fuq Toyota numru ta' registrazzjoni CAG 151. Ra li kellha ic-chassis imqabbez il-barra u ma kien qed jghogbu xejn. Naddafha u nehha il-qatran li kien hemm u sab li kien hemm welding imdawwar fejn hemm ic-chassis number. Huwa esebixxa l-*inspection form* li giet immarkata bhala Dok GF. Muri r-ritratti mmarkati bhala Dok AM2 jghid li kien hu li gibidhom. Ir-ritratt immarkat bl-ittra 'B' juri l-welding relattiv li sar fuq ic-chassis number. Normalment ma jkunx hemm sinjali ta' tracci. Malli tnaddaf jigi jleqq, nadif tazza.

Rat ix-xhieda ta' **Brian Farrugia** moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2016 fejn ikkonferma l-*letter to prosecute* mahruga minnu esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok AM. Al li kien

informal ill-pulizija bir rizultanzi taghhom tal-investigazzjoni sabiex jittiEhdu passi fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex ma kienitx saret registrazzjoni tal-vettura ta' barra E438WCL u allura b'hekk ma kienx hemm hlas dovut fuq taxXa ta' registrazzjoni.

Dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAG 151, din dahlet Malta fis-sena 1997 u dan bhala Toyota Hilux Double cabin. Fl-1 ta' Gunju, 2013 ircevew *dicrepancy form* minghand tal -VRT fejn inghad 'l fuq din il-vettura kien sar certu tibdil u fost it-tibdil kien hemm milli gie mibdul il-mudell, il-*body type*, is-*seating capacity*, il-kulur kif ukoll kien hemm bdil fil-magna li dawn mhux qed jaqblu ma dawk id-dettalji li kien hemm fuq il-*log book*. Din id-*discepancy form* tohrog minghand il-VRT jigifieri qed jaghmel *physical inspection* tal -VRT tester u qed ighid x'jkun qed jara b'ghajnejh. Imbaghad jikkonfrontah mal-*log book.* F'dan il-kaz minn Double Cab Toyota Hilux sar *pick up*. Kien hemm bdil fil-magna minn *four seating capacity* sar *two seating* u sar kulur blu. L-Awtorita' rat li dan kien ghadda mill-VRT minkejja dan kollu. Il-pulizija pero mill-investigazzjoni mizmuma minnha sabet li dan ma kienx l-istess van li kien dahal Malta fis-sena 1997 izda van totalment differenti u ghalhekk kien hemm evazjoni tat-taxxa fuq dan. Il-van qatt ma gie registrat mal-Awtorita kif ghandu jghamel kulhadd fi zmien tlettin jum. Jghid li skond l-evalwazzjoni tas-sena 2012 u 2013 dan suppost kellu jithallas taxxa fl-ammont ta' €7,497 biex jigi registrat hawn Malta.

Illi nhar it-12 ta' Mejju 2016 ix-xhud rega' xehed u pprezenta il-file relattiv mizmum ghand Transport Malta li gie markat bhala Dok BF. Din tikkoncerna l-vettura li giet importata tal-ghamla Toyota Dyna. Kienet giet mixtrija mill-Gappun u importata Malta *second hand* fis-sena 1997. Kien hemm seba' owners b'kollox. Din il-vettura ittihdet ghand tal-VRT u fit-13 ta' Mejju, 2013 tal-VRT ghamel formula tad-diskrepanza u qal li l-vettura CAG 151 ma kienitx qed taqbel mal-*log book* taghha u ssegwentement din il-vettura giet registrata minn Toyota Dyan saret Toyota Pick- up meta inbidlet il-magna u il-kulur. Din hija l-vettura fejn il-magna taghha kienet inxtrat mid-Dwana fis-sena 2012. Ghalhekk il-vettura li giet importata mill-Gappun ma hiex l-istess vettura li hemm illum kif jirrizulta mill-file BF. Isostni li l-ammont ta'

€7,497 kellhom dejjem fuq il-vettura daqs li kieku giet impurtata fis-sena 2012 jew 2013.

Rat ix-xhieda ta' **David Briden** moghtija nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 fejn ikkonferma li jahdem bhala fizzjal id-Dwana. Ikkonferma li fis-sena 2012 id-Dwana kienet organizzat *sale by tender* ta' numru ta' vetturi u muturi. Michael Scilcuna kien xtara wiehed mill-lots u fost il-vetturi kien hemm Toyota Hilux. Din kienet inqabdet mid-Dwana u kellha *registration number* ta' barra. Is-sale kien jeskludi il-hlas ta' dazju u VAT. Muri ir ritratti esebiti fl-atti jghid li l-aspett tal-vettura huwa l-istess u ma tantx kellhom vetturi bhalha ghal biegh Ghanda armament sportiv, bull bar ta' wara tal-chrome. Pero ma jistax jgharafha minn xi identification jew registration ta' xi number plates. Qal li ir-registration number ma kienitx fuq il-karozza ghax kienet regsitrata barra fil-mument tal-biegh. Huma bieghuha ghal parts bla *registration number.* Huwa esebixxa kopja ta' cheque fl-ammont ta' €2,200[19] li jkopri l-prezz tal-akkwist li biha l-appellant rebah it-tender.

Rat li din il-vettura giet esebita formalment nhar is-16 ta' Jananr, 2018 mill-Ispettur prosekutur u giet immarkata bhala Dok TH. Dakinhar il-qorti innominat lil John Ellul sabiex jirrelata dwar il-vettura Toyota CAG 151 b'referenza partikolari ghac-chassis number taghha.

**John Ellul** xehed nhar it-12 ta Frar 2019 u kkonferma li ic-chassis number fuq il-vettura huwa genwin u originali, pero mad-dawra tieghu sab qtugh u *welding* u *grinding* li huma sinjali li gie inserit mhux fl-istadju ta' manifattura originali.Ezamina ukoll l-engine number u irrizultalu illi kien hemm ukoll *grinding* fis-surface tal-magna u stamper gdid tant li kien jidher ukoll stamper il-qadim li kien hemm qabel. Bhala konkluzjoni ighid li c-chassis number l-istampar tac-chassis number huwa genwin imma inserit b'mod illegali. Huwa ippresenta ir-relazzjoni tieghu li giet marakata bhala Dok JE[20].

---

[19] Dok DB2 fol. 123.
[20] Fol. 134 tal-atti

Illi mis-suespost jirrizulta bic-car li l-appellant kien xtara vettura tal-ghamla Toyota Hilux VRN no E 4338WCL kulur blu u chassis number JTIPOYN08001689 u dan wara li rebah tender mid-Dwana nhar is-17 ta' Gunju, 2012[21] skond *notice release* ( Dok DB3 a fol 124). Skond dan id-dokument l-appellant kien projbit li juza tali vettura bhala *spare parts* u ukoll ma setghax juzaha fit-triq, sakemm ma tigix skond il-ligi registrata u licenzjata.

Ili kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha li din il-kawza tikkoncerna ukoll it-tieni karozza tal-ghamla Toyota Dyna *double cabin pick up chassis number* LM65053031 diesel ta' kulur griz numru ta' registrazzjoni CAG 151 li giet importata Malta f'Marzu 1997 ( ara fol. 99) u wara inghatat numru ta' registrazzjoni CAG 151 u wara li maz-zmien inbieghet diversi drabi u ghaddiet minn diversi idejn ( ara dok BF a fol. 32) spiccat giet registrat fuq Sean Borg fis-16 ta' Mejju, 2013 ( fol. 35) minghand Charles Galea. Illi jirrizulta li d-dazju li kellu jithallas fuq din il-vettura una volta tigi resgistrata kien fl-ammont ta' €7497 pero dan l-ammont qatt ma thallas minkejjali l-vettura trangat u giet mibjgha u ghalhekk regghet spiccat fit triq.

Kien fil-21 ta Settembru 2013 li l-pulizija bdiet tinvestiga wara li irceviet il-kwerela minghand Michael Sullivan u cioe' li kien ra van Toyota li kien tieghu u li d-Dwana kienet allegatament iddisponiet minnu illegalment. Fil-15 ta' Ottubru 2013 il-pulizija ghamlet spezzjoni u rrizulta li l-van kien jghajjat lil Sean Borg u kellu numru ta nuqqasijiet kif deskritti mill-espert John Ellul. Huwa minnu li l-pulizija investigat il-kaz wara iz-zmein imsemmi fic-citazzjoni pero ir-reati sehhew fil-perijdou indikat fil-komaprixxi.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li t-tlett akkuzi enumerati 2, 3 u 4 jirrizultaw li sehhew fil-perijodu indikat citazzjoni u cioe bejn Gunju 2012 u Lulju 2013 provati sodisfacentement kif del resto ddecidiet l-ewwel qorti.

[21] Vide fol. 42

Fil-hames aggravju l-appellant jappella mill-piena moghtija mill-ewwel qorti u dan ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in*

*principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-

sentenza tkun barra l parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *"8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

M'hemmx dubbju li fil-kaz in dezamina l-piena imposta mill-ewwel qorti tirrintegra fil-parametri tal-ligi u addirittura tmur lejn il-minimu taghha.

Ghalhekk wara li tiddikjara li qed tichad ir-rikros tal-appell tal-appellant qeghda tikkonferma is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u tikkonferma il-piena moghtija ta' sitt (6) xhur prigunerija sospiza ghal perijodu ta' tlett snin u dan stante li hija piena idoneja fic-cirkostanzi specjalment meta tqis li l-appellant mhux *a first time offender* u minkejja li inghata *probabtion orders* ma tghallimx minnhom ghax rega' spicca quddiem il-Qorti.

Il-Qorti rat li l-vettura numru ta' registrazzjoni CAG 151 giet esebita fl-atti mill-ispettur Arthur Mercieca u giet immarkata bhala dok TH u ghalhekk essendo il-*corpus delicti* sejra ukoll tikkonferma l-ordni tal-ewwel Qorti fejn ordnat il-konfiska taghha favur il-Gvern ta' Malta.

Tikkonferma ukoll l-ordni tal-ewwel Qorti fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina ta John Ellul lill-Gvern ta' Malta fi zmien tlett xhur mil-llum u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal Qrati Kriminali sabiex tiehu hsieb tigbor dawn l-ispejjez.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef